# 1919 - 2019: Mitt Sena Ilu saret Talba biex Titwaqqaf il-Kongregazzjoni tal-Madonna tad-Duluri f'San Ġiljan

***Kan. Dr Jonathan Farrugia***
S.Th.D. (Inst. Patr. Aug. Romae)

**Daħla**

Bla dubju l-aktar xbieha Marjana li tiġbed simpatija hija dik ta' Marija Addolorata. Jidher li din id-devozzjoni fl-Ewropa bdiet fis-seklu XI meta nibdew insibu kitbiet dwar il-bikja ta' Marija waqt il-passjoni ta' Kristu. Fis-seklu XIII, Jacopone da Todi kiteb l-innu *Stabat Mater Dolorosa* li mess il-qlub ta' ħafna, tant li għadu jintuża fil-liturġija anke llum. Fl-istess żmien, fil-15 ta' Awwissu tas-sena 1233, grupp ta' seba' nobbli minn Firenze, waqt li kienu qed jitolbu quddiem xbieha tal-Madonna, din inbidlet fi xbieha tad-Duluri u dawn is-sebgħa ffurmaw l-ewwel komunità tal-Ordni tas-Servi ta' Marija, u marru jgħixu fuq il-Monte Sanario fejn fetħu l-ewwel kunvent u fformulaw regola ta' ħajja ta' penitenza f'ġieħ id-duluri tal-Madonna. Fis-seklu XVII il-membri ta' din l-ordni żiedu ħafna t-tixrid tad-devozzjoni u sal-1668 ngħataw permess mill-Kongregazzjoni tar-Riti biex jibdew jiċċelebraw il-festa tad-Duluri, li fil-bidu kienet issir ġimgħa qabel il-Ġimgħa l-Kbira jew il-Ġimgħa fl-ottava tal-Għid, u eventwalment bdiet issir fil-15 ta' Settembru.


*Il-vara ta' Sidtna Marija Addolorata meqjuma fil-knisja parrokkjali ta' San Ġiljan. Jingħad li hija xogħol Karmenu Mallia, magħruf bħala 'l-Lhudi'. Dokumentazzjoni dwarha s'issa ma nstabitx.*

M'hemmx xbieha waħda biss li tista' tissejjaħ *id-Duluri*; kull xena mill-passjoni ta' Kristu li fiha tidħol Marija tista' b'kull mod tissejjaħ hekk, għax kien tul il-mixja tas-salib kollha li Marija batiet id-duluri tagħha. Fost ix-xeni l-aktar komuni, lil ommna Marija narawha:

- qed tiltaqa' ma' Kristu fit-triq tas-salib,
- miexja waħedha,
- wieqfa taħt is-salib ta' binha,
- bil-ġisem ta' Kristu mejjet fi ħdanha (*il-Pjetà*),
- bilqiegħda fuq blata, waħedha, ħdejn is-salib vojt (*id-Deżolata*).

Fl-ikonografija nsibu tnejn minn dawn li huma l-aktar imxerrda: Marija wieqfa taħt is-salib, jew inkella bi Kristu mejjet fi ħdanha. Fl-arti statwarja, jekk inżommu max-xbihat li nsibu f'pajjiżna, insibu tlieta li huma magħrufa ħafna:

- Marija wieqfa waħedha (jew miexja donnha qed timxi wara binha, jew tħares 'il fuq, donnha tinsab taħt is-salib),
- Marija bilqiegħda bi Kristu mejjet fuqha,
- Marija bilqiegħda waħedha ħdejn is-salib.

Fil-parroċċa ta' San Ġiljan insibu statwa, – li dettalji dwarha għad m'għandniex – ta' Marija fil-qagħda tradizzjonali wieqfa tħares 'il fuq, u pittura mhux daqstant komuni. Din turi t-tniżżil tal-katavru ta' Ġesù minn fuq is-salib, u f'waħda mill-irkejjen tal-kwadru tidher l-Omm Addolorata tħares lejn binha mejjet. Marija tingħaraf minn fost il-figuri femminili l-oħra mill-ilbies u mill-qagħda tagħha. Marija Maddalena tingħaraf mill-fatt li għandha xuxtha mikxuf: din hija referenza għall-ħajja midinba u bla ġieħ li kienet tgħix sa ma ltaqgħet ma' Kristu. Il-figura l-oħra tidher li hija mara ta' ċerta maturità qed tibki b'rasha baxxuta u b'wiċċha mgħaddas ġo maktur. L-oħra, li hi Marija, għandha d-dawl ħiereġ mill-ġisem mejjet ta' Kristu jirrifletti fuq wiċċha, u l-ħarsa miksura fuq dak il-wiċċ sabiħ tneħħi kull dubju ta' min tista' tkun.

Din il-pittura hija fost l-eqdem li jinsabu fil-parroċċa, u l-oriġni tagħha mhux magħrufa. Fil-pubblikazzjoni li ħarġet fiċ-ċentinarju tal-parroċċa fl-1991, din ġiet deskritta bħala pittura taċ-ċirku ta' Mattia Preti,[1] u din hija wkoll l-opinjoni tal-Prof. Spike li huwa espert tal-Preti. Kien min kien l-artist, biex din il-pittura sabet ruħha fil-knisja u baqgħet hemm ifisser li kienet tgawdi ċerta popolarità min-nies tal-lokal, u jista' jkun li din kienet il-għajn tad-devozzjoni lejn Marija Addolorata fil-parroċċa.



Kristu mniżżel minn fuq is-Salib, *bottega ta' Mattia Preti. Irrestawrat mill-kumpanija Prevarti taħt id-direzzjoni tas-Sur Pierre Bugeja fis-sena 2016. Il-figura tad-Duluri tidher fil-parti t'isfel fuq in-naħa tax-xellug tal-kwadru.*

Biż-żmien saret ukoll l-istatwa, li bħalma għedna, mhux magħruf sewwasew min għamilha u meta saret. L-istil tal-kartapesta, kif ukoll il-qagħda u l-fattizzi tal-wiċċ, ifakkru ħafna fl-id ta' Karlu Darmanin, li għall-parroċċa ta' San Ġiljan kien diġà għamel l-istatwa titulari tal-qaddis patrun, dik tal-Madonna ta' Lourdes, kif ukoll dik tal-Madonna tar-Rużarju. Kif jista' jinqara f'dan il-ktieb fl-artiklu ta' Niki Papagiorcopulo, Ferdinando Mattei, li kien

ġa rregala l-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes lill-parroċċa tliet snin wara li missieru kien irregala l-vara titulari ta' San Ġiljan, xtaq iħallas biex issir statwa tal-Madonna tar-Rużarju, imma kien hemm min għaddieh f'dan il-ħsieb u għalhekk Mattei ried xorta waħda jagħti don kbir ieħor lill-parroċċa.[2] Xinhu dan id-don, s'issa, ma nafux, imma jista' jkun li ma kien xejn għajr statwa oħra tal-Madonna, din id-darba d-Duluri, u wisq probabbli qabbad lill-istess artist li għamel lil San Ġiljan, lill-Madonna ta' Lourdes u li kien qiegħed jaħdem fuq il-Madonna tar-Rużarju, jew inkella lil xi alljiev tiegħu bħal Karmnu Mallia, *il-Lhudi* li spiss uża l-forom tal-imgħallem Darmanin. Nittamaw li 'l quddiem dan il-misteru jissolva.

## Ir-rikors għat-twaqqif tal-kongregazzjoni[3]

Il-preżenza tal-pittura tad-Depożizzjoni ta' Kristu kif ukoll tal-vara tal-Madonna tad-Duluri juruna li fil-parroċċa fl-ewwel snin tal-eżistenza tagħha kien hemm dan l-interess fil-passjoni ta' Kristu u fir-rwol ta' Marija, u għalhekk m'għandniex biex niskantaw li fl-1919 saret talba biex titwaqqaf kongregazzjoni[4] tal-Madonna tad-Duluri. L-imsemmija talba, u r-risposta li nkitbet personalment mill-Isqof Mawru Caruana, tagħtina ħafna dettalji li faċilment nistgħu ma nindunawx bihom, u li jixħtu ħafna dawl fuq id-drawwiet piji ta' dawk iż-żminijiet.


289/19

A Sua Ecc.za Rev.ma
Mons. Mauro Caruana O.S.B.
Arcivescovo Vescovo di Malta
etc. etc. etc.

Umile oratore del Sac. Amabile Bonanno Parroco di San Giuliano.

Umilmente espone:
Che a San Giuliano esiste una grande devozione verso la Beatissima Vergine dei Sette Dolori,
Che per lucrare le indulgenze concesse si richiede l'erezione della Congregazione,
Onde l'Oratore umilmente prega Vostra Ecc.za Rev.ma a voler erigere canonicamente la detta Congregazione per l'acquisto delle sole indulgenze.
E della grazia etc....

Parroco A. Bonanno
Presentato li 20 Settembre 1919.
Sac. Vella [illegible]
Cancelliere

*Ir-rikors ippreżentat mill-Kappillan Dun Amabile Bonanno f'Settembru 1919, mitt sena ilu.*

Fir-rikors li ġie ppreżentat fl-20 ta' Settembru 1919 mill-Kappillan Amabile Bonanno, nifhmu li fil-parroċċa ġa kienet teżisti devozzjoni qawwija lejn il-Madonna taħt dan it-titlu (*"a San Giuliano esiste una grande devozione verso la Beatissima Vergine dei Sette Dolori"*) u nifhmu wkoll li ġa kien hemm xi forma ta' unjoni organizzata li kienet tilqa' fiha 'l-membri li xtaqu jinkitbu f'din id-devozzjoni. Dan nifhmuh għax ir-rikors sar biex titwaqqaf *kanonikament* din il-kongregazzjoni (*"a voler erigere* ***canonicamente*** *la detta Congregazione"*). Ir-raġuni kienet waħda li forsi llum narawha stramba: il-membri xtaqu li jkollhom rikonoxximent kanoniku biex ikunu jistgħu jirbħu l-indulġenzi mwiegħda lil dawk il-fidili li jirreċitaw it-talbiet u r-ritwali li juru l-qima tagħhom lejn l-Addolorata (*"per lucrare le indulgenze concesse si richiede l'erezione della Congregazione"*). Il-Kappillan, għalhekk, fit-talba tiegħu jistqarr li l-unika raġuni għalfejn kellha titwaqqaf din il-kongregazzjoni kienet dik tar-rebħ tal-indulġenzi (*"per l'acquisto delle sole indulgenze"*); dan ifisser li l-membri ma kellhomx l-obbligi li kellhom dawk imsieħba f'għaqdiet oħra li kultant kienu jmorru aktar 'il hemm mill-finijiet tat-twaqqif tagħhom,

bħal pereżempju l-fratellanzi li, apparti milli jagħmlu r-ritwali pjetistiċi tagħhom, kien ikollhom ukoll xi servizz soċjali x'jagħtu[5] u jakkumpanjaw fil-purċissjonijiet tal-parroċċa u dawk djoċesani. L-imsieħba f'din il-kongregazzjoni ma kellhom xejn minn dan: kellhom biss jissodisfaw l-obbligi tat-talb u tat-tixrid tad-devozzjoni lejn l-Addolorata, u għal dawn jirbħu l-indulġenzi.



Auctoritate Nostra ordinaria, Piam Unionem de qua in precibus, erigimus et tamquam canonice erectam declaramus, sub statutis Primariae Romae erectae, Nobis Nostrisque Successoribus facultate reservata addendi, tollendi vel modificandi quidquid in dictis magis expedire videbitur. Interim in Moderatorem praefatae Piae Unionis sic erectae deputamus Adm. Rodum Dnum Parochum pro tempore S. Juliani Hospitatoris et facultatem facimus ipsam Piam Unionem aggregandi Primariae, Romae erectae.

Datum Vallettae die 1 Octobris 1919.

+ Maurus O.S.B.

Arch. Epus Melit.

*Ir-risposta tal-Arċisqof Dom Mauro Caruana ddatata l-1 ta' Ottubru 1919.*

Fir-risposta, l-Isqof Caruana jwaqqaf kanonikament din il-kongregazzjoni, li jsejħilha *Pia Unione*, u jistqarr li hija marbuta bl-istatuti tal-kongregazzjoni ewlenija bl-istess titlu mwaqqfa f'Ruma.[6] Barra minn hekk Caruana jgħid ukoll li hu u l-isqfijiet ta' warajh setgħu jżidu jew inaqqsu l-obbligi kif ukoll ixolju l-imsemmija kongregazzjoni skont ma jidhrilhom li jkun hemm bżonn. Il-moderatur tagħha kellu jkun il-kappillan li jkun fil-kariga, jiġifieri l-membri ma setgħux jaħtru lil min iridu. Fl-aħħar nett, Caruana jħabbar li din il-kongregazzjoni f'San Ġiljan kienet ukoll aggregata ma' dik ewlenija li tinsab f'Ruma. Ir-risposta ħarġet minn id l-Isqof nhar l-1 ta' Ottubru 1919.

## Għeluq

Illum il-ġurnata, għalkemm id-devozzjoni lejn l-Addolorata f'San Ġiljan għadha preżenti, il-kongregazzjoni li qed nitkellmu dwarha ma għadhiex teżisti. Fil-fatt, hemm dubju jekk qatt kinetx attiva għax fl-arkivji tal-parroċċa ma nstabu l-ebda reġistri tal-membri, u ladarba l-moderatur kellu jkun il-kappillan, dawn ir-reġistri ma setgħu jinżammu mkien għajr fil-parroċċa.

Madanakollu, id-devozzjoni lejn il-Madonna tad-Duluri m'għandhiex bżonn kongregazzjonijiet kanoniċi biex tiġi ratifikata: biżżejjed li wieħed iħares lejn din l-Omm imnikkta u jipprova jgħix b'mod li jnaqqsilha mid-dwejjaq tagħha biex jitqies bħala verament devot tal-Addolorata u jirbaħ il-premju wisq aqwa minn kull indulġenza.

**Appendiċi: Traskrizzjoni u traduzzjoni tar-rikors u r-risposta**

A Sua Ecc.za Rev.ma
Mons. Mauro Caruana O.S.B.
Arcivescovo Vescovo di Malta
etc. etc. etc.

Umile ricorso del Sac.te
Amabile Bonanno
Parroco di San Giuliano

Umilmente espone:

Che a San Giuliano esiste una grande devozione verso la Beatissima Vergine dei Sette Dolori,

Che per lucrare le indulgenze concesse si richiede l'erezione della Congregazione,

Onde l'Oratore umilmente prega Vostra Ecc.za Rev.ma a voler erigere canonicamente la detta Congregazione per l'acquisto delle sole indulgenze.

E della grazia etc...
Parroco A. Bonanno

Presentato il 20 Settembre 1919
Sac. P. Vella Mangion
Cancelliere

Auctoritate Nostra ordinaria, Piam unionem de qua in parecibus, erigimus et [...] canonice erectam declaramus, sub Statutis Primariae Romae erectae Nobis Nostrisque Successoribus facultate reservata addendi, solvendi vel modificandi quidquid in Dmo. Magis espedire videbitur. [Autercia?] in moderatorum preaefatae Piae Unionis seu erectae deputamus [ad?] Reverendum Dominum Parochum pro tempore S. Juliani Hospitatoris et facultatem facimus ipsam Piam Unionem aggregandi Primaraie Romae erectae.

Datum Vallettae die 1 Octobris 1919
+ Maurus O.S.B.
Arch. Ep.us Melit.

Lill-Eċċellenza Tiegħu Reverendissima
Mons. Mawru Caruana O.S.B.
Arċisqof u Isqof ta' Malta
eċċ. eċċ. eċċ.

Rikors umli tas-Saċerdot
Amabile Bonanno
Kappillan ta' San Ġiljan

Umilment jesponi:

Li f'San Ġiljan teżisti devozzjoni kbira lejn l-Imqaddsa Verġni Marija tas-Seba' Duluri, li biex jintrebħu l-indulġenzi [marbuta ma' din id-devozzjoni] qed jintalab li titwaqqaf il-Kongregazzjoni [f'ġieħ Marija Addolorata], għaldaqstant l-Oratur qiegħed umilment jitlob lill-Eċċellenza Tiegħek Reverendissima biex twaqqaf kanonikament l-imsemmija Kongregazzjoni biss biex jintrebħu dawn l-indulġenzi.

U tal-grazzja eċċ...
Kappillan A. Bonanno

Preżentat nhar l-20 ta' Settembru 1919
Saċ. P. Vella Mangion
Kanċillier

Permezz tal-awtorità ordinarja Tagħna, inwaqqfu u nħabbru bħala kanonikament [rikonoxxuta?] il-pija unjoni li dwarha qed issir it-talba, skont l-Istatuti tal-Unjoni Ewlenija mwaqqfa f'Ruma; Aħna u s-Suċċessuri Tagħna għandna l-jedd riservat li nżiduha, inxoljuha jew nemendawha skont ma jkun jixraq l-aktar. [L-awtorità?] ta' moderatur f'din il-Pija Unjoni hawn imwaqqfa nħalluha f'idejn ir-Reverendu Sinjur Kappillan fil-kariga ta' San Ġiljan Ospitalier u permezz tal-fakultà tagħna ngħaqqdu din il-Pija Unjoni ma' dik Ewlenija mwaqqfa f'Ruma.

Mogħti fil-Belt Valletta nhar l-1 ta' Ottubru 1919
+ Mawru O.S.B.
Arċisqof Isqof ta' Malta

## Referenzi

[1] Mario Buhagiar, "Kwadri tal-Pittura fil-Knejjes tal-Kunċizzjoni u ta' Lapsi," minn *San Ġiljan Mitt Sena Parroċċa 1891-1991*, ed. Stanley Fiorini, (Malta: Deer Publications, 1991), 196.
[2] *La Gazzetta di Malta*, 28.XI.1898. Hajr lis-Sur Papagiorcopulo għal dan id-dettall.
[3] Arkivju Arċiveskovili ta' Malta, Suppl. 202 (1919/III), fasc. 289/19.
[4] Il-kongregazzjonijiet spiss kienu jissejħu fratellanzi. Mhix ċara d-differenza ta' bejniethom.
[5] Bħala eżempji nistgħu nsemmu l-fratellanzi ta' San Ġużepp li kienu joffru assistenza lill-ħaddiema, u l-fratellanzi tal-karità li kellhom jgħinu lill-fqar tal-parroċċa.
[6] Din hija il-Confraternità dei Sette Dolori, li kienet approvata mill-Papa f'Ruma fl-1645.